MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 495/2011

**Tradeways Limited
C 6194**

**vs**

**Reuben Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi ordnat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija wiehed u tletin Ewro u disgha u hamsin centezmu (€451.59) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lill-konvenut, li ghalkemm interpellat naqas li jissalda d-dejn tieghu.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-bejgh, kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa illi l-merkanzija in kwistjoni kienet Bajd tal-Ghid, li giet mibjugha lill-konvenut *on consignment basis*; illi meta ghadda l-Ghid tal-2009, il-konvenut talab lis-socjeta' attrici sabiex tiehu lura l-merkanzija li ma kienitx inbieghet ghal valur ta' mitejn u tletin Ewro (€230);  illi sa Novembru 2009, minkejja diversi talbiet tal-konvenut, is-socjeta' attrici naqset li tiehu lura din il-merkanzija u l-istess ma baqghatx tajba sabiex tinbiegh, u l-konvenut ma kien fadallu ebda triq ghajr li jiddisponi minnha;  Illi ghalhekk l-uniku ammont dovut lis-socjeta' attrici huwa ta' €200 (mitejn Ewro).

Bl-ispejjez kontra l-attrici ngunta in subizzjoni.

Semgha x-xhieda, u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ikkunsidra,

Illi r-rapprezentant ta-socjeta' attrici xehed illi s-socjeta' rapprezentata minnu ggib merkanzija mill-esteru, u li din il-merkanzija tinbiegh u titqassam lokalment fil-hwienet. Illi l-konvenut, li ghandu hanut, ordna minghand is-socjeta' attrici merkanzija – konsistenti f'bajd tal-Ghid – li giet mibjugha u kkonsenjata lilu f'Marzu 2009, izda li din il-konsenja baqa' qatt ma hallas ghaliha.  Xehed illi wara li ghaddew il-festi tal-Ghid ta' dik is-sena partikolari, impjegati tieghu avvicinaw lill-konvenut sabiex ihallas ghall-merkanzija, izda dan ma riedx ihallas l-ammont rizultanti mill-fattura ghaliex qal li l-ftehim mas-socjeta' attrici kien fis-sens illi l-bejgh sar fuq bazi ta' *returns.*  Ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici cahad li kien hemm ftehim f'dan is-sens, u qal illi kemm-il darba kien intlahaq tali ftehim, allura dan kien jirrizulta mid-*delivery note* / fattura, ghaliex kien ikun hemm timbru fuqha indikanti tali ftehim.  Illi giet ipprezentata minnu l-fattura originali relattiva ghal tali konsenja, liema dokument jinsab a fol. 11 tal-atti.

Illi l-istess xhud kompla jghid kif saru diversi interpellazzjonijiet lill-konvenut sabiex ihallas, anke

permezz ta’ ittra rregistrata; madanakollu, il-konvenut baqa’ jinsisti li ma jhallasx l-ammont kollu, izda li jhallas biss ghal dik il-merkanzija li kien biegh, u li ghalhekk kien qed joffri lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn Ewro (€200). Xehed ukoll illi impjegati tas-socjeta’ attrici, li kienu kkuntattjaw lill-konvenut sabiex jitolbuh iwettaq il-hlas, qalulu li l-konvenut kien informahom illi l-kumplament tal-merkanzija – u cioe’ dik li ma nbieghetx – kien iddisponiha minnha, billi remiha.

Illi xehdet is-sales person li hadet l-ordni in kwistjoni, u qalet illi ma kien hemm ebda ftehim mal-konvenut illi din l-ordni kienet qedha ssir fuq bazi ta’ *returns*. Qalet illi tali diskors qam ghall-ewwel darba meta marret lura fil-hanut tal-konvenut sabiex tigbor il-hlas ghal din il-konsenja, u giet informata li kien fadal xi merkanzija li ma nbieghetx, u li persuni li jahdmu mal-konvenut kienu qed jinsistu maghha li kellha tehodhom lura.

Illi l-konvenut da parti tieghu xehed illi l-ordni in kwistjoni ma ghamilhix hu, izda kien ta struzzjonijiet lill-impjegati tieghu sabiex jaghmlu l-ordni ghall-bajd tal-Ghid specifikament fuq bazi ta’ *return* u dan tenut kont tan-natura tal-merkanzija, li hija stagjonali u *perishable*. Illi skond l-istess konvenut il-merkanzija li nbieghet kienet ta’ madwar nofs il-konsenja, u skond l-istess konvenut is-sales person li mar sabiex jigbor il-hlas ra din il-merkanzija mhux mibjugha.

Illi l-konvenut isostni illi hu avza lis-socjeta’ attrici sabiex tmur tigbor il-merkanzija li ma kienitx inbieghet, u fil-fatt l-impjegati tieghu kienu poggewha hdejn il-*loading bay* tal-istabbiliment tieghu, sabiex tkun facilment accessibli. Illi eventwalment gie kostrett li jiddisponi minn din il-merkanzija ghaliex ufficjali mid-Dipartiment tas-Sanita’ kienu ordnawlhom li jgharmuha ghaliex kienet qedha esposta ghax-xemx u shana.

Illi l-konvenut offra lis-socjeta’ attrici li jhallasha ghall-merkanzija li kien fil-fatt biegh, u cioe’ madwar nofs il-konsenja; illi ghalhekk offra li jhallasha mitejn ewro (€200), izda din ma accettatx.

Illi skond l-impjegata tal-konvenut li ghamlet l-ordni in kwistjoni, kien hemm qbil mas-sales person tas-socjeta' attrici li hadet l-ordni, illi tali ordni tkun fuq *return basis*.

Ikkunsidra,

Illi l-verzjonijiet konfliggenti li taw il-partijiet dwar x'kien il-ftehim bejniethom dwar din il-konsenja, ma jixhet ebda dawl fuq dak realment miftiehem. Illi l-fatt illi s-socjeta' attrici ma rcevietx il-hlas minghand il-konvenut mal-konsenja – u tenut kont tal-fatt illi l-konvenut jaghmel ordnijiet izolati minghand is-socjeta' attrici, u mhux fuq bazi regolari, anke fid-dawl tal-fatt illi s-socjeta' attrici generalment timporta *toys*, u mhux oggetti tal-ikel, u l-hanut tal-konvenut huwa *cash and carry* u ghalhekk jinbieghu oggetti tal-ikel – jaghti d'intendere illi seta' kien hemm arrangament bejn il-partijiet kif qed jigi allegat mill-konvenut, u cioe' li l-bejgh ta' din il-merkanzija kienet qed issir fuq bazi ta' *returns*, ghaliex altrimenti l-hlas kien isir mal-konsenja.

Madanakollu, u meta wiehed ihares lejn il-fattura datata 23 ta' Marzu, 2009 li tinsab in atti a fol. 11, jinnota illi f'tali fattura hemm specifikament indikat illi "...*goods sold on non return basis goods remain property of Tradeways Ltd. until paid in full...*". Illi tali dikjarazzjoni tindika illi jekk is-socjeta' attrici ser topera fuq sistema ta' *return basis*, u ghalhekk tkun ser tiddipartixxi mis-sistema li biha topera solitament, allura tali eccezzjoni tkun specifikament riflessa u dikjarata fid-dokument li in bazi tieghu tkun saret il-konsenja u l-bejgh. Illi fid-dokument in kwistjoni m'hemm xejn x'juri illi kien hemm ftehim bejn il-partijiet illi l-oggetti gew mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut *on a return basis*.

Illi oltre dan, it-Tribunal huwa tal-fehma illi kemm-il darba l-konvenut kien daqshekk konvint illi l-ftehim mas-socjeta' attrici kien li din il-konsenja kienet qed issir fuq *a return basis*, allura meta ra li s-socjeta' attrici baqghet ma gabritx il-merkanzija li kien fadal, kien jinterpellaha formalment sabiex tigi tigborhom, filwaqt illi jwettaq ukoll il-hlas tal-

ammont li skond dan l-istess ftehim, kien dovut. Illi minn dan kollu l-konvenut m'ghamel xejn, hlief illi warrab il-merkanzija bil-konsegwenza illi din ma baqghetx addattata ghall-bejgh, u kellha tintrema. Daqstant iehor, offra l-hlas tal-ammont ta' mitejn Ewro (€200), izda lanqas ghamel tenattiv sabiex jibghat dan il-hlas u b'hekk jara jekk jigix accettat, u fin-nuqqas, jiddepozitahom taht l-awtorita' tal-Qorti kompetenti.

Illi gialadarba l-konvenut qed jallega illi kien hemm arrangament mas-socjeta' attrici li l-konsenja saret fuq bazi ta' *consignment*, u ladarba l-konvenut naqas milli jwassal lit-Tribunal ghall-konvinciment illi realment kien hemm tali ftehim, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija wiehed u tletin Ewro u disgha u hamsin centezmu (€431.59), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------